movimenti tal-fokolari

# Il-Kelma tal-Ħajja

## Awwissu 2026

ĦARĠA 08

## “Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej” (*Lq* 1, 46).

Fl-ewwel kapitlu tal-Vanġelu ta’ Luqa nsibu l-unika paġna tat-Testment il-Ġdid li fiha l-protagonisti huma żewġ nisa, Marija u Eliżabetta.

Eliżabetta kienet toqgħod ġo raħal qrib Ġerusalem, li jinsab madwar 150 kilometru ‘l bogħod minn Nazzaret. Wara li ngħatat l-aħbar li kienet se ssir omm Ġesù (*Lq* 1, 26-38), Marija telqet malajr minn darha. Ma nafux id-dettalji ta’ dan il-vjaġġ, nafu biss li marret tħaffef lejn l-għoljiet. U x’marret tagħmel hemm?

Marija marret biex taqsam il-ferħ tagħha ma’ persuna li, l-istess bħalma ġara lilha, kienet irċeviet mingħand Alla l-grazzja li tistenna t-twelid ta’ iben; marret biex tkun qrib tagħha f’dawn ix-xhur ta’ stennija. Din hi l-istorja ta’ żewġ nisa, ta’ żewġ tqaliet impossibbli. Min aħjar minnha seta’ jifhem sew u jaqsam magħha din l-esperjenza? Minn hawn tinbet l-għanja tal-Magnificat.

**“Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej”.**

Fil-kumment tiegħu dwar il-Magnificat Martin Luteru kiteb hekk: “Kliemha jesprimi mħabba kbira u ferħ. Dan juri li Marija ma qalitx: Jien infaħħar lil Alla, imma qalet ruħi tfaħħru; bħallikieku riedet tgħid: il-ħajja kollha tiegħi u s-sensi tiegħi huma mwieżna mill-imħabba t’Alla […]”[1].

Il-kelma “tfaħħar”, tkabbar, turi sens ta’ ferħ imqanqal mill-għarfien li Alla hu akbar minn kif konna nimmaġinawh. Dan il-ferħ ġej minn umiltà profonda u sens ta’ ħajr mill-aktar kbir.

Kif jisħaq Ermes Ronchi, “il-Magnificat hu l-vanġelu ta’ Marija, l-aħbar sabiħa tagħha li tilħaq lil kull nisel”. Għal għaxar darbiet, din it-tfajla minn Nazzaret ittenni: “Hu għamel …”[2], bħallikieku qishom għaxar kmandamenti ġodda li jaqilbu ta’ taħt fuq il-mod kif taħsibha d-dinja.

Jagħtina li nistaqsu jekk żammejniex dak is-sens ta’ stagħġib u ta’ talb fil-ħajja tagħna ta’ kuljum, quddiem dak li Alla għamel u jkompli jagħmel magħna. Jekk ma nkunux miftuħin għal affarijiet ġodda u nagħrfu nistagħġbu, il-fidi ssir talba għajjiena li ftit ftit tintefa u ssir biss drawwa soċjali[3].

**“Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej”.**

L-għanja ta’ Marija mhijiex sempliċiment talba ta’ tifħir tar-ruħ tagħna, imma

tifħir profetiku, li fih niftakru fi ġrajjiet mill-Kotba Mqaddsa[4], li juru t-triq tal-istorja skont il-qalb ta' Alla. Li nfaħħruh ifisser li npoġġu lilna nfusna maċ-ċkejknin, li nemmnu li d-dinja tista' u għandha tinbidel.

Kliem dan l-innu jistedinna nifhmu kemm Alla l-feddej jidħol fl-istorja personali u komunitarja tagħna. Hu jaħdem b'mod differenti minn dak li ngħixu f'ħajjitna u dak li qed jiġri fid-dinja. Jaħdem fil-mument preżenti sakemm għad jaslu smewwiet ġodda u art ġdida. Din hi r-rivoluzzjoni soċjali tal-Vanġelu.

**"Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej".**

Dan il-kliem jistieden lilna wkoll biex ħajjitna nagħmluha tifħir ħaj, biex kuljum nagħrfu "l-ħwejjeġ kbar" li Alla jagħmel magħna, biex ngħaqqdu leħinna ma' leħen Marija biex nistqarru li Alla hu fidil magħna, li l-ħniena tiegħu tinfirex minn nisel għal nisel, u li s-saltna tiegħu ta' ġustizzja u mħabba ġa qed isseħħ fostna.

Chiara Lubich fehmet sew din id-dimensjoni rivoluzzjonarja tal-Innu ta' Marija meta liż-żgħażagħ kitbitilhom hekk: "Aqraw il-Magnificat u fih issibu l-ewwel u l-aktar paġna qawwija tad-duttrina soċjali tal-Knisja. Min se jwettaqha, u meta se sseħħ kollha kemm hi?"[5].

Din il-mistoqsija għadha miftuħa u tmiss lilna wkoll. L-intervent ta' Alla ma jridx jibqa' magħluq fl-intimità ta' qalbna, imma jeħtieġ li jintwera fir-rabtiet ta' bejnietna, fil-ħajja ta' kuljum, fil-ħajja tal-ġenerazzjonijiet li għad iridu jiġu.

**Patrizia Mazzola u t-tim tal-Kelma tal-Ħajja**

**REFERENZI**

1. Martin Lutero, *Commento al Magnificat*, 1520, https://www.associazionealec.it/wpcontent/uploads/2017/09/1.3-Lutero-testo-commentomagnificat.pdf.

2. Ermes Ronchi, *Magnificat, una finestra aperta sul futuro*, Avvenire, 12 ta' Awwissu 2021.

3. Ara. Papa Francesco, *Angelus*, Pjazza San Pietru, Ruma, 4 ta' Lulju 2021.

4. Ara. Gérard Rossé, *Il Vangelo di Luca*, Città Nuova, 1992, pġ.69.

5. *Detti Gen*, Città Nuova, Ruma 1969, pġ.57 (4a ed. 1974).

**ĊENTRU TAL-MOVIMENT TAL-FOKOLARI**
18, 'Stellaelise', Triq il-Ħuttaf,
Kappara
T. 21 385 801 | E. focolare.malta@outlook.com